MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 1104/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Paul Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru: 1104/2010**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Zammit, ta' 43 sena, bin Francis Zammit u Mary Zammit xebba Pace, mwieled Pieta nhar is-6 ta` Frar, 1967, u residenti 85, Dar il-Hena, Triq Santu Rokku, Mosta, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 67767M.

Akkuzat talli;

a. talli nhar it-12 t`Awissu 2010, ghall-hin ta` l-5:30am, fi Triq San Frangisk, Qormi, bla ordni skond il-ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmela Schieda kontra l-volonta` taghha,

b. U aktar talli, fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna offiza ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Carmela Schieda skond kif iccertifikat Dr. Satya Brata Das med reg no: 2141 mic-centru tas-sahha Furjana,

c. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi uza vjolenza sabiex iggieghel lil xi hadd u cioe` lil Carmela Schieda taghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel, xi haga,

d. U aktar talli, matul ix-xahar t`Awissu 2010, f`fond numru 78 Triq il-Kbira Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghall-4500 Ewro, ghad-detriment ta` Carmela Schieda.

e. U aktar talli rrenda lilu nnifsu recidiv wara li gie kkundannat mill-Qrati Maltin ghal diversi reati b`sentenza li saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f`kaz ta` htija, tipprovdi skond l-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ghas-sigurta` ta` Carmela Schieda.

Rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c), 221, 251 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum meta l-parte civile ddikjarat li minn dak in-nhar ta’l-incident hija hafret lill-

imputat, ir-relazzjoni ta’ bejniethom giet ristabbilita u regghu qed jghixu flimkien, in oltre hija ddikjarat li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsara kollha ikkawzata minnu. Il-parte civile fil-fatt irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli u ddikjarat ukoll li ma kellha l-ebda interess f’dawn il-proceduri

Rat li f’l-istess udjenza l-imputat ammetta l-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-parte civile Carmela Schieda rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali; ghalhekk il-procediment fir-rigward tat-tieni imputazzjoni huwa ezawrit.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li llum ir-relazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile hija ristabbilita u huma regghu qed jghixu flimkien.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara il-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c), 251 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal-perjodu ta’ sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna in-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------